

Brussell, 14 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13620/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0309(NLE)

POLCOM 286
COASI 115

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fi ħdan l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand fir-rigward tal-adozzjoni tal-linji gwida operazzjonali għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fi ħdan l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles
bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand fir-rigward tal-adozzjoni
tal-linji gwida operazzjonali għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand¹ (il-“Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2024.
- (2) L-Artikolu 24.7 tal-Ftehim jirrikjedi li l-Partijiet jaqblu fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit bl-Artikolu 24.1(1) tal-Ftehim dwar linji gwida operazzjonali għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili.
- (3) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ OJ L, 2024/866, 25.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2024/866/oj.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244 tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/244, 28.02.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/244/oj>).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar deċiżjoni li għandha tittieħed, f'konformità mal-Artikolu 24.7 tiegħu, fir-rigward tal-adozzjoni tal-linji gwida operazzjonali għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
